MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Frar, 2009

Numru 147/2009

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)

vs

Elton Briffa

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’numru 288188(M) li hu akkuzat talli:

1. nhar is-17 ta’ Frar, 2009, ghal habta ta’ l-9:45 ta’ filghodu, filwaqt li kien fis-suq tal-Birgu, gewwa Misrah Santa Margerita’, Bormla, bi vjolenza u b’theddid gieghelt lil Jason Peter Grech, Christine Criscione u Antonia Belfiore, bhala ufficcjali Pubblici li jaghmlu jew li ma jaghmlux xi haga li ghandha x’taqsam mal-kariga taghhom.

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fis-suq tal-Birgu, gewwa Misrah Santa Margerita', Bormla, attakka jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza Pubblika kontra l-persuna ta' Jason Peter Grech, bhala persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz Pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu fl-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' Ordni moghti skond il-Ligi mill-Awtorità kompetenti;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fis-suq tal-Birgu, gewwa Misrah Santa Margerita', Bormla, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna Jason Peter Grech, bhala persuni ta' wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz Pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezza' jew tinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, filwaqt li kien fis-suq tal-Birgu, gewwa Misrah Santa Margerita', Bormla, volontarjament, ikkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Jason Peter Grech, bhala persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienet qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi minn awtorità kompetenti, skond kif iccertifikat minn Dr. Jesmond Cassar M.D. mic-Centru tas-Sahha ta' Bormla;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fis-suq tal-Birgu, gewwa Misrah Santa Margerita', Bormla, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorità jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom bhala ufficcjali Pubblici;

6. fl-istess cirkostanzi, filwaqt li kien fis-suq tal-Birgu, gewwa Misrah Santa Margerita', Bormla, volontarjament kiser il-Bon Ordni u l-Paci Pubblika b'ghajjat u glied;

7. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, filwaqt li kien fis-suq tal-Birgu, gewwa Misrah Santa Margerita', Bormla, qal kliem oxxen, indecenti u daghha;

8. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil haddiehor biza' li se tintuza vjolenza kontra taghhom, meta hu kien jaf jew missu kien jaf li, b'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza'.

Il-Qorti mitluba sabiex tapplika wkoll l-Artikolu 383, 384 u 385 tal-Kap 9 ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-art 533 tal-Kap 9.

Il-Qorti mitluba wkoll li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(c) tal-Kap 9, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-akkuzat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkundsidrat:

Fuq it-trattazzjoni dwar il-piena u wara li l-Qorti qieset kemm l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-akkuzat f'dan l-istadju tal-kawza u kemm ic-cirkostanzi qeghda tiddeciedi fil-waqt li tiddikjara l-akkuzat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 9 sakemm ma jikkommettix reat iehor punibbli bi prigunerija ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum wara li rat l-Artikolu 91, 95, 96, 221, 338(bb)(ee)(dd), 251B u 17 tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzat ir-responsabbiltajiet tieghu skont is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------